MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 89/2021 LM

**Darren Desira (K.I. 96692M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Transport Malta**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Transport Malta**, [hawnhekk 'l-appellanta'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-7 ta' Lulju, 2022, fejn dan iddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrent **Darren Desira (K.I. 96692M)** u jiċħad ir-risposta tal-

intimata, bil-konsegwenza għalhekk li annulla d-deċiżjoni amministrattiva tal-appellata tal-21 ta' Lulju, 2021 [hawnhekk 'id-deċiżjoni tal-appellata'].

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat mir-rikorrent quddiem it-Tribunal, dan spjega li fis-sena 2021 huwa kien applika għal *Road Haulage Operator's Licence* mal-intimata, u permezz ta' ittra mibgħuta lilu fl-1 ta' Ġunju, 2021, huwa ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu sejra tiġi rifjutata *"on the grounds that you do not meet the Good Repute and Conduct requirements as stipulated in Regulation 11 of the Motor Vehicles (Carriage of Goods by Road) Regulations (S.L. 65.19) and Article 6 of Regulation (EC) no. 1071/2009 ...".* Ir-rikorrent kompla jgħid li wara li ngħata l-fakoltà li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu permezz ta' ittra tad-9 ta' Ġunju, 2021 mibgħuta lill-intimata, l-istess intimata, permezz tad-deċiżjoni tal-21 ta' Lulju, 2021, infurmatu li s-sottomissjonijiet magħmula minnu ma ġewx aċċettati minħabba li huwa ma jissodisfax il-kriterju ta' kondotta tajba, u dan in vista tal-fatt li fil-passat ġie kkundannat għal reati mwettqa minnu.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk intavola appell minnha quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, fejn sostna li l-appellata tat interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 11(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19, u r-rifjut ta' Transport Malta li taċċetta l-applikazzjoni tiegħu għar-raġuni premessa, jilledi d-dritt tiegħu għal xogħol kif sanċit fl-artikolu 7 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta. Qal li huwa minnu li permezz ta' sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru, 2012, huwa nstab ħati talli fi Frar tal-2001, assoċja ruħhu ma' persuni f'Malta u ma' persuni barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta, u permezz ta' sentenza mogħtija fis-6 ta' Ġunju, 2014, huwa nstab ħati li fil-5 ta' Frar 2012, kien fil-pussess ta' arma tan-nar. Ir-rikorrent qal li s-sejbien ta' ħtija msemmi sar disa' snin qabel ma huwa applika għal-liċenzja mal-appellata. Huwa għamel riferiment għar-Regolament 11(11) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19 li jipprovdi li:

> "Persuna ma titqiesx li tissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk hija (a) tkun instabet ħatja ta' reati kriminali serji, inklużi reati ta' natura kummerċjali, kemm matul l-aħħar ħames snin, jew ta' xi reat li jkollu piena ta' priġunerija għal żmien tliet xhur jew aktar, jew multa ta' mill-inqas erba' mija u ħamsa u sittin euro u tmenin ċenteżmu, jew ta' żewġ reati jew aktar konnessi mal-vjolenza."

Ir-rikorrent qal li l-intimata qegħda tinterpreta l-kriterju ta' ħames snin bħala li japplika biss għal reati ta' natura kummerċjali u mhux għar-reati kollha b'mod ġenerali, u għalhekk il-fatt li r-reati mwettqa minnu jirrisalu għal aktar minn ħames snin qabel, ifisser li huwa xorta waħda ma jissodisfax il-kriterju ta' kondotta u reputazzjoni tajba. Qal li hu ma jaqbilx ma' dan ir-raġunament tal-appellata għaliex it-test tal-liġi huwa ċar, jiġifieri li biex wieħed jitqies li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' reputazzjoni u kondotta tajba fuq l-ewwel kwalifika, irid ikun hemm sejbien ta' ħtija dwar reat kriminali serju. Ir-reat kriminali serju jinkludi reati ta' natura kummerċjali, fost reati serji oħra, u dan is-sejbien ta' ħtija jkun seħħ matul l-aħħar ħames snin. Qal li l-fatt li l-intimata qegħda tqis li huwa prekluż u pprojbit milli jeżerċita dan it-tip ta' xogħol anke wara t-trapass ta' ħames snin, jiġfieri tul ħajtu kollha, mhux biss imur kontra l-prinċipji tal-

ġustizzja, iżda wkoll huwa ta’ natura punittiva, għaliex huwa ser ikun kostrett jibqa’ ħajtu kollha jsofri l-konsegwenzi tar-reati msemmija, minkejja li huwa diġà ġie punit u skonta l-piena, u llum il-ġurnata rriforma ruħhu. Qal li fil-fehma tiegħu, id-deċiżjoni tal-appellata hija bbażata fuq interpretazzjoni skorretta tar-Regolament 11(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19, u għalhekk għandha tiġi annullata.

4. Ir-rikorrent kompla jgħid li r-raġunament tal-appellata, magħdud mal-interpretazzjoni tal-liġi li qiegħed jingħata minnha, qiegħed jippreskludih milli xi darba tul ħajtu jkun jista’ jagħmel dak li huwa kkwalifikat li jagħmel u li ilu jaħdem għalih ħajtu kollha. Qal li l-Istat jirrikonoxxi d-dritt taċ-ċittadini li jkollhom xogħol. Ir-rikorrent qal li l-kundizzjonijiet ta’ kondotta u reputazzjoni tajba kif sanċiti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19, għalkemm joħolqu kwalifiki għal min irid japplika għal-liċenzja rilevanti, huma limitati għal reati speċifiċi jew limitati biż-żmien ta’ ħames snin għal min jikkommetti reati serji, u wara dan il-perijodu individwu għandu dritt jissottometti applikazzjoni. Qal li l-interpretazzjoni li qegħda tingħata mill-appellata, li huwa għandu jkun prekluż milli jikseb il-liċenzja relattiva għal ħajtu kollha, hija bbażata fuq kundanni li jmorru lura aktar minn disa’ snin, u din l-interpretazzjoni tal-appellata mhux biss qegħda tilledi d-dritt tiegħu li jkollu impjieg, iżda tikser ukoll l-prinċipju *ne bis in idem* u dan għaliex huwa diġà ġie punit u skonta s-sentenzi marbuta ma’ dawn ir-reati.

5. Ir-rikorrent spjega li meta huwa kkommetta r-reat ta’ assoċjazzjoni għat-traffikar ta’ droga fis-sena 2001, huwa kellu 26 sena, u llum il-ġurnata huwa

għandu 46 sena, u skonta s-sentenzi li ġie mogħti bħala piena għar-reati li kien wettaq. Qal li huwa kkwalifikat u saħansitra investa fix-xogħol in kwistjoni, u għandu wkoll Ċertifikat ta' Kompetenza Professjonali fit-Trasport bit-Triq tal-Merkanzija, maħruġ mill-appellata, wara li segwa kors intensiv mal-istess Transport Malta. Qal li għalhekk id-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tiegħu hija għal kollox nieqsa minn valutazzjoni ekwitattiva tal-fatti, u bħala prinċipju għandu jkun ċar li deċiżjonijiet bħal din m'għandhomx jittieħdu b'mod leġġer jew abbażi ta' interpretazzjoni selettiva. Ir-rikorrent qal li fl-isfond tal-fatti kif seħħew, huwa konvint li d-deċiżjoni tal-appellata hija waħda żbaljata, u li ma ssib l-ebda riskontru fil-fatt jew fid-dritt.

6. L-intimata, hawnhekk appellata, fir-risposta tagħha eċċepiet li l-lanjanzi ta' indoli kostituzzjonali ma jaqgħux taħt il-kompetenza tat-Tribunal, u żiedet tgħid li d-deċiżjoni tagħha hija waħda ġusta, korretta u skont il-liġi u għalhekk għandha tiġi kkonfermata, filwaqt li r-rikors tar-rikorrent għandu jiġi miċħud. Spjegat li mhux minnu li fil-każ odjern saret interpretazzjoni ħażina tal-liġi, u qalet li permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' Novembru, 2012, ir-rikorrent kien instab ħati ta' importazzjoni u traffikar ta' droga u ġie kkundannat għall-piena ta' tmintax-il sena ħabs u multa ta' €46,800, filwaqt li b'sentenza oħra tas-6 ta' Ġunju, 2014 huwa nstab ħati ta' pussess illegali ta' arma tan-nar u ġie mmultat €600. L-intimata spjegat li kuntrarjament għall-interpretazzjoni mogħtija mir-rikorrent, it-terminu ta' ħames snin jirreferi biss għal reati ta' natura kummerċjali u mhux għal kull tip ta' reat, fis-sens li jekk persuna tkun wettqet reat ta' natura kummerċjali aktar minn ħames snin ilu, dan ma jinċidix fuq id-determinazzjoni dwar jekk persuna hijiex ta' kondotta u

reputazzjoni tajba jew le, però jekk ikun wettaq reati serji li mhumiex ta' natura kummerċjali, dan jinċidi fuq tali determinazzjoni. L-intimata qalet li apparti li anki l-interpretazzjoni litterali tagħti konfort sħiħ u totali lill-pożizzjoni tagħha, irid jiġi sottolineat li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19 tagħmel traspożizzjoni fil-liġi tagħna tar-Regolament 1071/2009 KE, li fl-Artikolu 6 tiegħu jipprovdi li:

> *"In determining whether an undertaking has satisfied that requirement, Member States shall consider the conduct of the undertaking, its transport managers and any other relevant person as may be determined by the Member State. Any reference in this Article to convictions, penalties or infringements shall include convictions, penalties or infringements of the undertaking itself, its transport managers and any other relevant person as may be determined by the Member State.*
>
> *The conditions referred to in the first sub-paragraph shall include at least the following:*
>
> *(a) that there be no compelling grounds for doubting the good repute of the transport manager or the transport undertaking, such as convictions or penalties for any serious infringement of national rules in force in the fields of:*
>
> *(vi) trafficking in human beings or drugs."*

7. L-intimata qalet li għalhekk m'hemm assolutament l-ebda dubju li skont il-liġi tagħna u r-Regolament Ewropew, persuna li nstabet ħatja ta' reati serjissimi ta' importazzjoni u traffikar ta' droga ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' kondotta u reputazzjoni tajba biex jingħata liċenzja komunitarja għall-ġarr ta' merkanzija bl-art.

8. Ir-rikorrent, fl-*affidavit* tiegħu spjega li fis-sena 2021 huwa ddeċieda li japplika sabiex jikseb *Road Haulage Operator's Licence,* wara li għamel għadd ta' snin jaħdem f'dan il-qasam. Qal li huwa għamel l-kors biex ikun jista' japplika

għal din il-liċenzja ma' Transport Malta, u mat-*training provider* approvat minnha, fejn ingħata taħriġ estensiv fuq *standards* tekniċi u l-aspetti tal-operat bħas-sigurtà fit-toroq, u fuq il-liġijiet relatati. Qal li wara li lesta l-kors, huwa għamel it-test neċessarju u għadda minnu sabiex b'hekk kiseb il-kwalifika ta' Transport Manager. Ir-rikorrent qal li meta ressaq l-applikazzjoni tiegħu quddiem Transport Malta, huwa ppreżenta l-polza tal-assigurazzjoni għall-post tan-negozju li kien qiegħed iħejji sabiex jibda jopera minnu bħala *road hauler.* Qal li fl-1 ta' Ġunju, 2021 irċieva ittra minn Transport Malta, fejn ġie infurmat li huwa ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' kondotta u reputazzjoni tajba, u wara li ngħata żmien jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar dan, fil-21 ta' Lulju, 2021 huwa irċieva ittra oħra fejn ġie infurmat li minħabba r-reati kriminali li nstab ħati tagħhom, it-talba tiegħu ma setgħetx tkompli tiġi pproċessata. Qal li meta huwa tressaq il-Qorti fuq assoċjazzjoni ta' traffikar ta' droga, huwa kellu 26 sena, u li huwa skonta din is-sentenza f'Ottubru tal-2020. Qal li fis-snin li qatta' fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin huwa stinka biex jirriforma ruħhu, u meta ħareġ minn hemmhekk, baqa' jaħdem biex jimxi 'l quddiem fil-ħajja personali u professjonali tiegħu. Qal li hu minn dejjem ħadem fil-qasam tal-ġarr tal-merkanzija, u għalhekk ried jieħu l-opportunità biex itejjeb il-ħiliet tiegħu f'dan il-qasam. Qal li minkejja li huwa skonta l-piena tiegħu mas-soċjetà u skonta l-kundanna mogħtija lilu, iħoss li issa qiegħed jiġi kkundannat mill-ġdid minn Transport Malta.

9. **Vince Micallef Pule**, Direttur *Road Transport Licensing* fi ħdan l-intimata Transport Malta, spjega li l-intenzjoni tar-rikorrent kienet li japplika biex isir operatur tal-ġarr tal-merkanzija internazzjonali. Qal li liċenzji ta' dan it-tip huma

regolati bir-Regolament 1071 tal-2009. Qal li meta r-rikorrent ippreżenta l-fedina penali tiegħu sabiex issir verifika dwar jekk huwiex eliġibbli biex jikseb tali liċenzja, u ġie stabbilit li kellu sentenza rigward traffikar u importazzjoni tad-droga, ġie deċiż li huwa mhux eliġibbli biex jingħata t-tip ta' liċenzja li applika għaliha. Ix-xhud spjega li min ikollu liċenzja bħal dik li applika għaliha r-rikorrent, ikollu liċenzja biex ikun jista' jġorr merkanzija minn Malta għal pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea, u viċi versa. Qal li wara li r-rikorrent ingħata perijodu ta' żmien sabiex ikun jista' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu dwar id-deċiżjoni li huwa mhux eliġibbli biex jingħata din il-liċenzja, l-intimata ħadet parir legali ieħor, li kkonferma li r-rikorrent ma kienx eliġibbli għat-tip ta' liċenzjar li applika għalih. Ix-xhud qal li l-intimata ma tieħu l-ebda riskju, u kull fejn tiġi ppreżentata fedina penali li ma tkunx netta, jintalab parir legali dwar l-applikazzjoni sottomessa. Ix-xhud ikkonferma fil-kontro-eżami tiegħu, li meta tiġi biex tieħu deċiżjoni, l-intimata tistrieħ fuq il-fedina penali u l-parir legali li tingħata.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

10. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2022, it-Tribunal iddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrent u jiċħad ir-risposta tal-intimata, bil-konsegwenza li d-deċiżjoni appellata ġiet annullata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata kkomunikata lilu permezz ta' ittra datata 9 ta' Ġunju, 2021 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Awtorità intimata kienet irrifjutat l-applikazzjoni tiegħu għal* Road Haulage

Operator's Licence *liema liċenzja tinħareġ ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19 (Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur). Illi l-istess Awtorità bbażat ir-rifjut tagħha fuq sentenza li ngħatat fil-konfront tar-rikorrent fis-27 ta' Novembru, 2012 fejn ir-rikorrenti kien instab ħati li fi Frar 2001 assoċja ruħhu ma' persuni oħra biex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta. Permezz ta' sentenza oħra datata 6 ta' Frar, 2014 ir-rikorrent instab ħati li fil-5 ta' Frar, 2012 kien fil-pussess ta' arma tan-nar mingħajr liċenzja.*

*Illi biex persuna tingħata liċenzja bħala operatur għall-ġarr stradali ta' merkanzija trid tissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Kien proprju abbażi ta' dan ir-rekwiżit li l-Awtorità ċaħdet l-applikazzjoni in kwistjoni. Għall-aħjar intendiment tar-raġuni mogħtija mill-Awtorità intimata, it-Tribunal se jiċċita testwalment ir-Regolament 11 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19 li jgħid is-segwenti, u ċioe:*

11(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk hija:

(a) tkun instabet ħatja ta' reati kriminali serji, inklużi reati ta' natura kummerċjali, matul l-aħħar ħames snin, jew ta' xi reat li jkollu piena ta' priġunerija għal żmien tliet xhur jew aktar, jew multa ta' mill-inqas erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€465.87); jew ta' żewġ reati jew aktar konnessi mal-vjolenza;
(b) tkun instabet ħatja fl-aħħar sentejn ta' kull reat relatat ma' reati dwar l-użu ta' vettura bil-mutur;
(ċ) ġiet dikjarata mhux kapaċi li tagħmel ix-xogħol ta' burdnar taħt xi regolamenti li jkunu fis-seħħ;
(d) tkun instabet ħatja ta' reati serji ripetuti kontra regoli fis-seħħ dwar:-

- il-kondizzjonijiet dwar il-paga u l-impjieg fil-professjoni; jew
- it-trasport fit-triq, partikolarment ir-regoli dwar is-sewqan, il-piżijiet u d-dimensjonijiet u l-kapaċità ta' ġarr tal-vettura, sigurtà stradali jew dik tal-vetturi jew ħsara lill-ambjent;

(e) tkun instabet ħatja ta' xi reati korrispondenti taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta:

Iżda meta l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta jkun instab ħati kif deskritt fis-subregolament 1(a) u (b), il-perijodi msemmija jkun rispettivament ta' sentejn u sena.

*Illi r-rikorrent xehed illi fl-2021 huwa applika biex jikseb liċenzja għall-ġarr stradali ta' merkanzija u spjega illi huwa kien għamel numru ta' snin jaħdem f'din l-industrija*

*bħala xufier. Jispjega illi meta ġie akkużat bir-reat ta' traffikar ta' droga huwa kellu sitta u għoxrin (26) sena u skonta l-piena tiegħu f'Ottubru 2020 u li waqt li kien fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin huwa rriabilita ruħhu. Huwa xehed li wara li skonta l-piena għamel kors mal-Awtorità intimata u ma'* training provider *approvat mill-istess Awtorità fejn ġie mħarreġ estensivament fuq* standards *tekniċi u l-aspetti tal-operat bħal sigurtà fit-toroq u liġijiet relatati. Dan għamlu bl-iskop li eventwalment ikollu l-liċenzja in kwistjoni.*

*Vince Micallef Pule, Direttur fi ħdan id-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art spjega li bil-liċenzja in kwstjoni operatur ikun jista' jittrasporta merkanzija minn Malta għal pajjiżi oħrajn fl-Unjoni Ewropea u viċi versa. Jispjega li l-liġi tagħna hija traspożizzjoni tar-Regolament Ewropew 1071/2009.*

***Ikkunsidra:***

*Illi l-aggravju prinċipali tar-rikorrent huwa li l-Awtorità intimata qiegħda tagħti interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 11(1) tal-Liġi Sussidjarja 65.19 u dan għaliex qiegħda tqis illi persuna ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba anke jekk ikunu għaddew iktar minn ħames snin mit-twettiq ta' reat serju, ad eċċezzjoni ta' reati kummerċjali. Fil-fatt ir-rikorrent jissosttometti illi l-perijodu ta' ħames snin għandu jinftiehem illi japplika għar-reati kollha msemmija f'subartikolu (1) u kwindi r-rikorrenti, li ngħata sentenza fl-2012, illum il-ġurnata ma jistax jiġi ostakolat milli jikseb il-liċenzja in kwistjoni ladarba għaddew aktar minn ħames snin minn meta ngħatat is-sentenza fil-konfront tiegħu.*

*Illi t-Tribunal ra kemm it-test Malti u kemm it-test Ingliż tal-artikolu 11(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19. Għall-aħjar intendiment it-test Ingliż qiegħed jiġi riprodott hawn taħt, filwaqt li t-test Malti ġie ċitat iktar 'il fuq:*

**11. A person shall not be deemed to satisfy the requirement of good repute and conduct if he:**

**(a) has been convicted of serious criminal offences, including offences of a commercial nature during the last five years, or of a crime carrying a conviction of a term of imprisonment of, or exceeding three months or a fine of at least four hundred and sixty-five euros and eighty-seven cents (465.87); or of two or more crimes connected with violence.**

*Illi meta wieħed jikkompara din id-dispożizzjoni jsib illi fil-verżjoni Maltija hemm* comma *bejn il-kelma "kummerċjali" u l-kelma "matul" filwaqt li fil-verżjoni Ingliża din ma teżistix.*

*Illi r-rikorrent jissottometti li skont artikolu 75 tal-Kostituzzjoni ta' Malta it-test Malti għandu jipprevali. Illi t-Tribunal josserva illi ċ-ċitat artikolu ma jirrelatax ma' dan kollu iżda huwa artikolu 74 li jgħid is-segwenti, u ċioe:*

74. Ħlief kif provdut xort'oħra mill-Parlament, kull liġi għandha ssir kemm bl-ilsien Malti kif ukoll bl-ilsien Ingliż u, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż ta' xi liġi, it-test Malti għandu jipprevali.

*Illi t-Tribunal ma jarax illi l-kwistjoni hija waħda ta' kunflitt bejn it-test Malti u dak Ingliż imma hija biss kwistjoni ta' interpretazzjoni minħabba marka tal-punteġġatura, u ċioe* comma *li teżisti fit-test Malti u mhux f'dak Ingliż.*

*Illi kif intqal fid-deċiżjoni f-imsijiet* ***Emmanuele Micallef – vs – Vincent Scerri*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Mejju, 1953: "*Iżda billi hija regola ta' interpretazzjoni li ebda liġi ma għandha titqies kontradittorja fiha nnifisha, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa l-kompitu tal-ġudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skont l-intenzjoni tal-leġislatur u b'quddiem għajnejh ir-raġunijiet li ġiegħlu lil-leġislatur jiddetta l-liġi. Il-ġudikant għalhekk għandu jirrikorri għall-"mens legis" biex jagħti dik l-intenzjoni li tikkorrispondi għall-ispirtu informatur tal-liġi."

*Illi t-Tribunal josserva illi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19 tagħmel traspożizzjoni tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea Numru 1071/2009. Illi siccome ma jeżistux dibattiti parlamentari dwar l-introduzzjoni tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19, dan it-Tribunal se jkollu neċessarjament imur għall-uniku sors tal-istess Regolamenti, u ċioe r-Regolament tal-Unjoni Ewropea (KE) 1071/2009 liema Regolament jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq. Illi dan it-Tribunal se jiċċita partijiet minn dan ir-Regolament għaliex iħoss li huwa opportun għar-riżoluzzjoni ta' din il-kwistjoni.*

*Il-Preambolu ta' dan ir-Regolament jgħid is-segwenti, u ċioe:-*

(8) Jeħtieġ li persuni fiżiċi b'reputazzjoni tajba u b'kompetenza professjonali meħtieġa jiġu identifikati biċ-ċar u kkomunikati lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-persuni ("maniġers tat-trasport") għandhom ikunu residenti fi Stat Membru u b'mod kontinwu u effettiv imexxu l-attivitajiet ta' trasport tal-impriżi tat-trasport bit-triq. Jaqbel għalhekk li jkunu speċifikati l-kundizzjonijiet li taħthom persuna titqies li b'mod kontinwu u effettiv tmexxi l-operazzjonijiet ta' trasport ta' impriża.

(9) Ir-reputazzjoni tajba ta' maniġer tat-trasport tiddependi minn jekk dan ikunx intab ħati ta' reat kriminali serju jew li ma jkunx qala' piena serja, għal, parikolarment ksur

serju tar-regoli Komunitarji dwar it-trasport bit-triq. Kundanna jew piena li tingħata lil maniġer ta' trasport jew impriża ta' trasport bit-triq fi Stat Membru wieħed jew aktar għall-iżjed ksur serju ta' regoli Komunitarji għandu jirriżulta fit-telf tar-reputazzjoni tajba kemm-il darba l-awtorità kompetenti tkun aċċertat ruħha li tkun saret proċedura ta' investigazzjoni debitament imwettqa u dokumentata, liema proċedura tkun tagħti drittijiet proċedurali essenzjali qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni finali tagħha u li d-drittijiet xierqa ta' appell ikunu ġew rispettati.

... omissis ....

(24) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi lista ta' kategoriji, tipi u livelli tas-serjetà tal-ksur **li jwassal għat-telfa tar-reputazzjoni tajba tal-operaturi tat-trasport bit-triq,** li tadatta, skont il-progress teknoloġiku, l-Annessi I, II u III ta' dan ir-Regolament, dwar l-għarfien li tiegħu għandu jittieħed kont mill-Istati Membri għal finijiet tar-rikonoxximent tal-kompetenza professjonali u l-mudell ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali, u biex tistabbilixxi lista tal-ksur li flimkien ma' dawk stabbiliti fl-Anness IV għal dan ir-Regolament jistgħu jwasslu għat-telf tar-reputazzjoni tajba. Peress li dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

*Jekk wieħed jinnota hawnhekk, l-aċċenn qiegħed fuq it-telfien ta' reputazzjoni tajba (a posteriori) u mhux in-nuqqas ta' aċċess/dħul fis-suq (a priori). Madankollu l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament jagħmilha ċara illi r-Regolament jirregola wkoll **id-dħul** fil-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u mhux sempliċiment l-eżerċizzju tiegħu.*

*L-Artikoli rilevanti tar-Regolament (KE) 1071/2009 huma, imbagħad, dawn:*

**Artikolu 3**

**Rekwiżiti meħtieġa għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur ta' trasport bit-triq**

(1) L-impriżi li jeżerċitaw il-professjoni ta' operaturi tat-trasport bit-triq għandhom:
(a) ikollhom stabbiliment effettiv u stabbli fi Stat Membru;
(b) **ikunu ta' reputazzjoni tajba;**
(ċ) ikollhom pożizzjoni finanzjarja adatta; u
(d) ikollhom il-kompetenza professjonali meħtieġa.

(2) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimponu rekwiżiti addizzjonali, li għandhom ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji, li l-impriżi għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw il-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq.

**Artikolu 6**

**Il-Kondizzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżit ta' reputazzjoni tajba**

(1) Soġġett għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kondizzjonijiet li impriża u maniġer ta' trasport għandhom jissodisfaw sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit ta' reputazzjoni tajba previst fl-Artikolu 3(1)(b).

Fid-determinazzjoni dwar jekk impriża tissodisfax jew le dak ir-rekwiżit, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-kondotta tal-impriża, il-maniġers tat-trasport tagħha u kwalunkwe persuna rilevanti oħra kif jista' jkun determinat mill-Istat Membru. Kull riferenza f'dan l-Artikolu għal kundanni, pieni jew ksur għandha tinkludi kundanni, pieni jew ksur tal-impriża nfisha, tal-maniġers tat-trasport tagħha u ta' kull persuna rilevanti oħra kif jista' jkun determinat mill-Istat Membru.

Il-kondizzjonijiet imsemmija fl-ewwel sub-paragrafu għandhom jinkludu tal-anqas:

(a) li ma jkunx hemm raġunijiet impellenti biex wieħed jiddubita r-reputazzjoni tajba tal-maniġer tat-trasport jew tal-impriża tat-trasport, bħal kundanni jew pieni għal kull ksur serju ta' regoli nazzjonali fis-seħħ fl-oqsma ta':

(i) il-liġi kummerċjali;
(ii) il-liġi dwar fallimenti;
(iii) il-kondizzjonijiet ta' paga u impjieg fil-professjoni;
(iv) it-traffiku bit-triq;
(v) ir-responsabbilità professjonali;
**(vi) it-traffikar tal-bnedmin jew tad-droga.**

(b) li l-maniġer tat-trasport jew l-impriża tat-trasport ma ġewx, fi Stat Membru wieħed jew aktar, **ikkundannati għal offiża kriminali serja** jew ingħataw piena għal ksur serju ta' regoli komunitarji li jikkonċernaw b'mod partikolari:

... omissis ...

*Dan l-artikolu jkompli hekk:*

(2) Għall-finijiet tal-punt (b) tat-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1:

(a) meta l-maniġer ta' trasport jew l-impriża ta' trasport ikunu, fi Stat Membru wieħed jew iżjed, ġew **ikkundannati għal reati kriminali serji** jew ġew mogħtija piena għal

wieħed mill-aktar ksur serji ta' regoli komunitarji kif stabbiliti fl-Anness IV, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment għandha twettaq f'manjiera adattata u f'waqtha, id-debita proċedura amministrattiva kompleta, li għandha tinkludi, jekk adatt, kontroll tas-sedi tal-impriża konċernata.

Il-proċedura għandha tiddetermina jekk, minħabba ċirkostanzi speċifiċi, it-telf ta' reputazzjoni tajba jikkostitwixxix **rispons disproporzjonat fil-każ individwali.** Kull sejba bħal din għandha tkun debitament raġunata u ġustifikata.

Jekk l-awtorità kompetenti ssib li t-telf ta' reputazzjoni tajba jikkostitwixxi rispons disproporzjonat, hija tista' tiddeċiedi li r-reputazzjoni tajba ma tkunx affettwata. F'tali każ, ir-raġunijiet għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru nazzjonali. In-numru ta' deċiżjonijiet bħal dawk għandu jiġi indikat fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 26 (1).

Jekk l-awtorità kompetenti ma ssibx li t-telf ta' reputazzjoni tajba jikkostitwixxi rispons disproporzjonat, il-kundanna jew il-piena għandhom iwasslu għat-telf ta' reputazzjoni tajba.

*Dan is-subinċiż (2) tal-Artikolu 6 tar-Regolament jagħti x'jifhem illi minkejja li hemm marġini ta' apprezzament wiesgħa, dan l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti irid ikun wieħed raġjonat u* ***proporzjonat.*** *Fi kliem ieħor mhux kull sejbien ta' ħtija għandu jagħti lok għat-telfien ta' reputazzjoni tajba u kull każ irid dejjem jiġi aġġudikat individwalment u skont il-fattispeċi partikolari tiegħu.*

*Dan jerġa' jiġi affermat fil-preambolu tar-Regolament (UE) 2016/403 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' ksur serju tar-regoli tal-Unjoni, li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba tal-operatur tat-trasport bit-triq u li jemenda l-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiddisponi hekk:*

(6) Madankollu, hija r-responsabbilità tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru biex twettaq il-proċedura amministrattiva nazzjonali sħiħa biex jiġi determinat jekk it-telf ta' reputazzjoni tajba jikkostitwixxix reazzjoni proporzjonata f'każ individwali. Proċedura ta' eżami nazzjonali bħal din għandha tinkludi, jekk ikun xieraq, kontrolli fil-bini tal-impriża kkonċernata. Għall-valutazzjoni tar-reputazzjoni tajba, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-kondotta tal-impriża, tal-maniġers tagħha u ta' kwalunkwe persuna rilevanti oħra.

*It-Tribunal jagħmel riferenza, ukoll, għall-Artikoli 13 u, b'mod speċjali, 14 tar-Regolament Nru. 1071/2009. Dan jaqra hekk:*

**Artikolu 14**
**Id-dikjarazzjoni tal-inkompetenza tal-maniġer tat-trasport**

(1) Meta maniġer tat-trasport jitlef ir-reputazzjoni tajba skont l-Artikolu 6, l-awtorità kompetenti għandha tiddikjara lill-maniġer tat-trasport inkapaċi li jmexxi jew tmexxi l-attivitajiet tat-trasport ta' impriża.

(2) Sakemm tittieħed miżura għar-rijabilitazzjoni skont dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali, iċ-ċertifikat ta' kompetenza professjonali imsemmi fl-artikolu 8(5) tal-maniġer tat-trasport iddikjarat inkapaċi, m'għandux jibqa' validu fl-ebda Stat Membru.

*Hawnhekk it-Tribunal jinnota illi hemm lok **għar-riabilitazzjoni** u mhux il-każ illi operatur jibqa' projbit/inkapaċi b'mod indefinit jew perpetwu.*

*Illi t-Tribunal iħoss li hu opportun li jagħmel referenza wkoll għall-predeċessur tar-Regolament (KE) Nru. 1071/2009 li kienet id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE tad-29 ta' April, 1996 dwar dħul għall-impjieg ta' operatur ta' trasport ta' merkanzija bit-triq u operatur ta' trasport ta' passiġġieri bit-triq u r-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali intenzjonati li jiffaċilitaw għal dawn l-operaturi d-dritt tal-libertà li jistabbilixxu ħidmiet ta' trasport nazzjonali jew internazzjonali. Hija importanti r-riferenza għal din il-liġi għaliex proprju din kienet fis-seħħ meta ġiet introdotta l-Leġislazzjon Sussidjarja 65.19 permezz tal-Avviż Legali 146/2003. Din id-direttiva kienet proprju tirregola d-dħul fl-impjieg ta' operatur ta' trasport tal-merkanzija bit-triq jew operatur tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq (Artikolu 1). Id-Direttiva kienet tirrikjedi li impriżi li jixtiequ li jingaġġaw fl-impjieg ta' operatur tat-trasport bit-triq għandhom: ((a) ikun ta' kondotta tajba oltre li (b) ikunu ta' pożizzjoni finanzjarja xierqa; u (ċ) jissodisfaw il-kondizzjoni ta' kompetenza professjonali (Artikolu 3(1)). Bl-istess mod kienet tagħti diskrezzjoni pjuttost ampja lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti mill-impriżi stabbiliti fit-territorji tagħhom sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kondotta tajba (Artikolu 3(2)). Madankollu b'differenza, kienet timponi b'mod ċar fuq l-Istati Membri x'ma jikkostitwixxix reputazzjoni tajba:*

Għandhom jipprovdu li t-tali rekwiżit ma jkunx issodisfat jew ma jkunx għadu aktar issodisfat, jekk il-persuna jew persuni naturali li jkunu meqjusa li jissodisfaw tali kondizzjoni permezz tal-paragrafu 1:

(a) ikunu ġew ikkundannati għall-offiżi kriminali serji, inklużi offiżi ta' natura kummerċjali;

(b) ikunu ġew iddikjarati mhux f'sikkithom sabiex ikompli l-impjieg ta' operatur tat-trasport bit-triq permezz ta' xi regoli fis-seħħ,
(ċ) instabu ħatja ta' offiżi serji kontra r-regoli fis-seħħ dwar:

- il-kondizzjonijiet ta' paga u impjieg fil-professjoni, jew
- it-trasport ta' merkanzija bit-triq jew passiġġieri, kif jixraq, b'mod partikolari r-regoli dwar il-perijodi ta' sewqan u serħ tas-sewwieqa, il-piżijiet u l-qisien tal-vetturi kummerċjali, sigurtà stradali u sigurtà ta' vetturi, il-ħarsien tal-ambjent u r-regoli l-oħra dwar responsabbilità professjonali.

*Ikompli l-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/26/KE:*

Fil-każijiet li għalihom saret referenza taħt (a), (b) u (ċ), il-ħtieġa ta' kondotta tajba tibqa' mhux sodisfatta **sakemm riabilitazzjoni jew kwalunkwe miżura oħra li jkollha effett ekwivalenti tkun seħħet,** skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti eżistenti.

*Illi l-istess prinċipju jinsab f'Regolament 6(3) tar-Regolamenti (KE) 1071/2009, liema Regolament jaqra hekk:*

(3) Ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu (3)(1)(b) (*fn. 1 u ċioe r-rekwiżiti ta' reputazzjoni tajba)* jibqa' mhux sodisfatt sakemm issir miżura ta' rijabilitazzjoni jew kull miżura oħra li jkollha effett ekwivalenti, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti.

*L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 96/26/KE kien ukoll jiddisponi hekk:*

Id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont il-miżuri adottati fuq il-bażi ta' din id-Direttiva u li jeħtieġu l-irtirar tal-applikazzjoni għad-dħul fl-impjieg ta' operatur tat-trasport bit-triq għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jikkontrollaw regolarment u **għall-inqas kull ħames snin** li l-impriżi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' reputazzjoni tajba, pożizzjoni finanzjarja u kompetenza professjonali.

*It-Tribunal huwa tal-fehma illi jista' jagħti l-każ li minn hawnhekk irriżulta kriterju ta'* "ħames snin" *li nsibu llum il-ġurnata fir-Regolament 11(1) tal-L.S. 65.19. Fi kwalunkwe każ, id-Direttiva 96/26/KE ukoll kienet tagħti lok għal riabilitazzjoni, liema rijabilitazzjoni hija għal kollox nieqsa mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19.*

*Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet it-Tribunal huwa tal-fehma illi filwaqt li ma hemmx l-iċken dubju li r-reat ta' traffikar tad-droga jikkostitwixxi* ***reat kriminali serju*** *illi ċertament għandu jwassal għall-inkapaċitazzjoni ta' maniġer/operatur tat-*

*trasport milli jmexxi l-attivitajiet tat-trasport, jew fi kliem ieħor li jirrendi lil dak li jkun ta' reputazzjoni ħażina, iqis illi l-interpretazzjoni loġika tal-liġi hu li kundanna bħal dik ma għandhiex tapplika b'mod perpetwu iżda biss sa ħames snin minn meta tingħata s-sentenza. B'hekk, fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal iqis illi l-interpretazzjoni korretta tal-liġi għandha tkun illi persuna ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' reputazzjoni tajba jekk fil-perijodu ta'* ***ħames snin*** *qabel l-applikazzjoni hija tkun instabet ħatja ta' xi wieħed jew iktar mir-reati kontemplati fis-subinċiż (1) tar-Regolament 11 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19. Interpretazzjoni diversa, kif qiegħda ssostni l-Awtorità, tirrendi dik il-liġi arbitrarja u tmur kontra l-ispirtu tar-Regolament (KE) Nru. 1071/2009 li, għalkemm teżiġi reputazzjoni tajba bħala kriterju anke għad-dħul (u mhux biss l-eżerċizzju) fil-professjoni ta' operatur tat-triq, tirrikjedi wkoll il-proporzjonalità fid-deċiżjonijiet, liema proporzjonalità ċertament tagħti lok għar-rijabilitazzjoni ta' dak li jkun, kemm jekk si tratta dwar applikant kemm jekk huwa operatur stabbilit. Dan jgħodd, aktar u aktar fil-każ odjern, meta wieħed iqis li r-reat in kwistjoni seħħ fis-sena 2001, u ċioe 21 sena ilu, u għal liema reat ir-rikorrent skonta piena skont il-liġi. Ġialadarba, tajjeb jew ħażin, il-leġislatur injora għal kollox il-lok għal rijabilitazzjoni mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-interpretazzjoni korretta għandha tkun illi applikant jew operatur jitqies* ipso jure *riabilitat wara t-trapass ta' ħames snin minn sentenza finali u definittiva.*

*Illi għaldaqstant it-Tribunal iqis li l-Awtorità intimata ma tatx interpretazzjoni tajba għad-dispożizzjonijiet tal-liġi fil-każ in kwistjoni u li għaldaqstant id-deċiżjoni appellata għandha tiġi revokata. Fl-aħħarnett it-Tribunal jirrileva illi huwa m'għandu l-ebda kompetenza biex jordna lill-Awtorità intimata toħroġ il-liċenzja in kwistjoni. Din hija materja li hija fdata esklussivament f'idejn l-istess Awtorità.*

***DECIDE***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti u fit-termini hawn fuq espressi, qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrent u jiċħad ir-risposta tal-Awtorità intimata u konsegwentement jannulla d-deċiżjoni appellata.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Awtorità intimata."*

## <u>L-Appell</u>

12. L-intimata appellat minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell tas-27 ta' Lulju, 2022, fejn talbet li s-sentenza tat-Tribunal tas-7 ta' Lulju, 2022, tiġi

annullata stante li hija *extra petita* u/jew *ultra petita,* u sussidjarjament, f'każ li din it-talba ma tiġix milqugħa, tirrevoka s-sentenza bl-ispejjeż kontra l-appellat.

13. L-appellanta spjegat li l-appell tar-rikorrent kien ibbażat fuq żewġ aggravji, u ċjoé li hija tat interpretazzjoni żbaljata tar-Regolament 11(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19, u li r-rifjut tagħha tal-applikazzjoni tal-appellat jilledi d-drittijiet tiegħu kif sanċit fl-artikolu 7 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Qalet li t-Tribunal, ma ddeċidiex abbażi ta' xi wieħed mill-aggravji mressqa mill-appellat, iżda fuq konsiderazzjonijiet għal kollox differenti, u għalhekk id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal hija *ultra petita* u/jew *extra petita.* Qalet li l-appell tal-appellat ġie milqugħ u d-deċiżjoni tagħha ġiet imħassra mit-Tribunal abbażi ta' kawżali u aggravji li ma kinux xi wieħed miż-żewġ aggravji li fuqhom ir-rikorrent intavola l-appell tiegħu. L-appellanta qalet li t-Tribunal jibbaża l-appell tiegħu fuq għadd ta' preamboli u artikoli tar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea (KE) 1071/2009 li l-appellat ma jagħmel l-ebda riferiment għalihom fir-rikors tal-appell tiegħu, u lanqas ma jsemmihom fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Qalet li l-konsiderazzjonijiet kollha tat-Tribunal ma jissemmew fl-ebda waqt tat-trattazzjoni tal-appell, u ma kinux fost l-aggravji li fuqhom l-appellat jibbaża r-rikors tal-appell tiegħu quddiem it-Tribunal.

14. L-appellanta tikkontendi li t-Tribunal qal li r-Regolament Ewropew, li ġie traspost fil-liġi tagħna, fl-Artikolu 14 tiegħu jikkontempla r-rijabilitazzjoni. Qalet li l-appellat imkien ma jsemmi dan fir-rikors tal-appell tiegħu, u jkompli jibbaża s-sentenza tiegħu fuq konsiderazzjonijiet dwar x'kienet tgħid id-Direttiva 96/26KE li ppreċediet ir-Regolament, li wkoll teżorbita mill-aggravji miġjuba

mill-appellat fl-appell tiegħu quddiem it-Tribunal. L-appellanta qalet li l-liġi tagħna imkien ma ssemmi r-rijabilitazzjoni, u fil-każ odjern il-kompitu tat-Tribunal kien biss li jiddetermina jekk id-deċiżjoni mogħtija mill-appellanta kinitx korretta fid-dawl tal-liġi kif inhi miktuba. Qalet li it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li "l-interpretazzjoni loġika" għandha tkun li persuna ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' kondotta tajba jekk tkun instabet ħatja ta' reat kriminali serju matul l-aħħar ħames snin. It-Tribunal qal li altrimenti, jkun hemm nuqqas ta' proporzjonalità fid-deċiżjonijiet, u l-liġi għandha tagħti lok għar-rijabilitazzjoni ta' dak li jkun.

15. L-appellanta kompliet tgħid li dan huwa skorrett u jeżorbita mill-aggravji mressqa mill-appellat, u huwa għalhekk li fil-fehma tagħha s-sentenza mogħtija mit-Tribunal hija *ultra petita* u/jew *extra petita.* L-appellanta qalet li huwa ċar u manifest li s-sentenza tat-Tribunal hija bbażata għal kollox fuq kawżali differenti minn dawk li fuqhom l-appellat sejjes ir-rikors tal-appell u l-argumenti kollha tiegħu matul il-perkors tas-smigħ tal-kawża. Qalet ukoll li s-sentenza tat-Tribunal hija skorretta in kwantu ssejjes kollox fuq il-possibilità ta' rijabilitazzjoni li hija kkontemplata fir-Regolament tal-Unjoni Ewropea 1071/2009KE u d-Direttiva 96/26/KE li ppreċedietha, meta tali possibilità ta' rijabilitazzjoni mhijiex ikkontemplata fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19, li effettivament hija l-liġi applikabbli, u mhux ir-Regolament u d-Direttiva imsemmija mit-Tribunal. L-appellanta qalet li t-Tribunal, filwaqt li deherlu li għandu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq kawżali naxxenti minn Regolament u Direttiva li qatt ma ssemmew mill-appellat, naqas milli jagħti d-debita konsiderazzjoni għal dik il-parti tal-

Artikolu 6 tar-Regolament li fuqu wkoll l-appellanta sejset ir-risposta tagħha għar-rikors ta' Desira.

16. L-appellanta qalet li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li skont il-liġi tagħna, persuna li tkun instabet ħatja ta' reati serjissimi ta' importazzjoni u traffikar tad-droga, tant hu hekk li ġie kkundannat għal tmintax-il sena priġunerija, ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' kondotta u reputazzjoni tajba biex jingħata liċenzja komunitarja għall-ġarr ta' merkanzija bl-art.

17. L-appellanta qalet li kieku kellu jiġi aċċettat dak imtenni mit-Tribunal fis-sentenza tiegħu, tkun qed tinħoloq inġustizzja kbira, għaliex persuna li japplika biex jikseb liċenzja ta' operatur jew ta' xufier biex jagħmel xogħol ta' ġarr ta' passiġġieri f'Malta permezz ta' *minibus, coach, taxi* jew *light vehicle,* huwa prekluż milli jikseb tali liċenzja jekk ikun ġie misjub ħati ta' ċerti reati, fosthom traffikar ta' droga. Qalet li l-konsegwenza ta' reat bħal dan għalhekk tkun li persuna bħal dan ikun prekluż milli jkun jista' ġġorr passiġġieri fi 316 mil kwadru tat-territorju Malti, iżda l-istess persuna jkun jista' jikseb liċenzja komunitarja biex jagħmel xogħol ta' trasport fil-vastità tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, u dan sakemm is-sentenza ta' sejbien ta' ħtija għal traffikar ta' drogi tkun ilha li ngħatat aktar minn ħames snin.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

18. L-appellat qal li l-aggravji mressqa mill-appellanta m'għandhomx jiġu milqugħa, u dan għaliex biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal bilfors kellu japprofondixxi dwar l-interpetazzjoni tal-liġijiet u regolamenti applikabbli, mhux

biss dawk lokali iżda anki dawk komunitarji, u biex jagħmel hekk it-Tribunal kellu ta' bilfors jara x'kienet l-intenzjoni tal-leġislatur. Qal li fis-sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna huwa normali li wieħed isib riferimenti u siltiet sħaħ minn dibattiti parlamentari, u b'hekk dan l-aggravju huwa totalment bla bażi. L-appellat qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma kinitx *ultra petita* u/jew *extra petita,* u qal li din għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, u dan peress li d-*decide* hija fil-limiti ta' dak li talab l-appellat, u ċioé t-tħassir u r-revoka tad-deċiżjoni tal-appellanta meta ċaħdet l-applikazzjoni tal-appellat sabiex tinħareġ f'ismu 'Road Haulage Operator's License'.

19. L-appellat qal li meta jitqajjem l-aggravju tal-*ultra petita* huwa meħtieġ li wieħed jara x'ikun intalab fl-att promutur, bil-kriterju jkun li t-talba f'kawża titqies minn dak li jissemma fl-att promotur. Qal li fil-każ odjern għandu jirriżulta li t-Tribunal baqa' fil-limiti tat-talba fir-rikors tal-appell imressaq minnu quddiem it-Tribunal, u għalhekk ma jistax jingħad li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet għal kollox 'il barra minn dak li ntalab, jew kienet teżorbita dak li ntalab. L-appellat qal li l-punt tat-tluq tal-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal kienet l-interpretazzjoni tal-artikolu 11(1) L.S. 65.19 fejn teżisti kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dispożittiv tal-liġi, minħabba marka tal-punteġġatura li teżisti fit-test Malti u mhux f'dak Ingliż. Qal li l-argument tiegħu matul il-proċeduri odjerni kien li l-interpretazzjoni tat-test Ingliż ta' din id-disposizzjoni tal-liġi ma kienx jikkombaċja mat-test Malti, u huwa dak li hemm dispost fl-artikolu 11(1) tal-L.S. 65.19 li għandu jipprevali, għaliex huwa fl-ispirtu ta' dak li jipprovdi r-Regolament Ewropew, li huwa direttament applikabbli għal-liġi Maltija. Qal li t-Tribunal fil-każ odjern irrikonoxxa li hemm kwistjoni ta'

interpretazzjoni, u għalhekk għadda sabiex jiddetermina l-*mens legis* tal-liġi sussidjarja in kwistjoni u tar-Regolament Ewropew.

20. L-appellat qal li lanqas m'huwa minnu li fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa naqas milli jagħmel riferiment għar-Regolament tal-Unjoni Ewropea 1071/2009, għaliex jekk wieħed iħares lejn in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnu quddiem it-Tribunal, wieħed jista' jara li hemm riferiment ċar u dirett għal dan ir-Regolament partikolari. Qal li f'każijiet bħal dawn wieħed irid jiġbed attenzjoni partikolari għar-regola tal-*eiusdem generis*, u għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal hija fil-parametri tal-aggravji mressqa minnu, in kwantu l-aggravju prinċipali tiegħu huwa preċiżament dwar l-interpretazzjoni tal-imsemmija liġijiet.

21. Qal li fi kwalunkwe każ, l-artikolu 3(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jagħti s-setgħa lit-Tribunal li jeżamina kull punt ta' natura fattwali u legali rilevanti għall-każ ippreżentat mill-partijiet. L-appellat qal li t-teżi tal-appellanta tkompli tiġi mxejna bl-argument li t-Tribunal mexa b'mod impekkabbli, u żamm strettament mal-*petita* u entro l-limiti tat-talbiet delineati mill-appellat, fejn wara l-konsiderazzjonijiet studjati u approfonditi li għamel, it-Tribunal wasal għal deċiżjoni fir-rigward ta' dak li jirrigwarda t-tieni parti tat-talba tiegħu, fejn huwa talab li tiġi aċċettata l-applikazzjoni tiegħu għal *Road Haulage Operator's Licence,* iżda t-Tribunal irrileva li huwa m'għandu l-ebda kompetenza jordna dan. L-appellat qal li dan ikompli juri kemm it-Tribunal żamm prettament mal-parametri kollha sostantivi u proċedurali.

22. B’riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li filwaqt li l-appellanta qegħda tinsisti li persuna li nstabet ħatja ta’ importazzjoni u traffikar ta’ droga qatt ma tista’ tissodisfa r-rekwiżit ta’ kondotta u reputazzjoni tajba biex tingħata liċenzja għall-ġarr ta’ merkanzija, wieħed irid jirreferi għal-liġi li tiddermina min jikkwalifika għal *road haulage operator’s licence* jew le. Kompla jgħid li filwaqt li l-appellanta qegħda ssostni li t-terminu ta’ ħames snin jirreferi biss għal reati ta’ natura kummerċjali u mhux għal kull tip ta’ reat, fil-fehma tal-appellat il-liġi hija ċara fis-sens li huwa għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżit ta’ reputazzjoni u kondotta tajba ladarba ma nstabx ħati ta’ reati serji matul l-aħħar ħames snin, u għalhekk illum il-ġurnata qiegħed f’pożizzjoni fejn mhux biss skonta l-piena relatata mas-sentenzi msemmija fil-fedina penali, talli għandu l-kwalifiki meħtieġa biex jikseb il-liċenzja in kwistjoni. Qal li filwaqt li l-appellanta tinsisti li t-terminu ta’ ħames snin jirreferi biss għal reati ta’ natura kummerċjali u mhux għal kull tip ta’ reat, din l-interpretazzjoni mhijiex loġika għaliex qegħda tpoġġi reati ta’ natura kummerċjali f’kategorija aktar ‘leġġera’, meta l-industrija tal-ġarr tal-merkanzija u l-attivitajiet imwettqa minn operaturi ta’ din it-tip ta’ liċenzja huma minnhom infushom ta’ natura kummerċjali u għandhom ikollhom portata ta’ reat kriminali serju. Qal li b’reati ta’ natura kummerċjali wieħed għandu jifhem reati marbuta ma’ frodi u falsifikazzjoni ta’ dokumenti fost reati oħra, li huma reati li jġorru magħhom pieni serji kemm ta’ natura karċerarja kif ukoll multi. Qal li t-Tribunal daħal fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament, u qies li s-subinċiż tiegħu jagħti x’jifhem li minkejja li hemm marġni ta’ apprezzament wiesgħa, l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti jrid ikun wieħed raġonat u proporzjonat. Żied jgħid li għalhekk mhux kull sejbien

ta' ħtija għandu jagħti lok għat-telfien tar-reputazzjoni tajba, u kull każ irid jiġi aġġudikat individwalment u skont il-fattispeċi partikolari tiegħu. L-appellat qal li dak li jistabbilixxi r-Regolament Ewropew huwa li l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kundizzjonijiet biex wieħed jissodisfa l-kriterju ta' reputazzjoni tajba, inkluż il-kundizzjonijiet relatati mat-trapass taż-żmien minn meta applikant ikun instab ħati. Qal li l-fatt li r-reat tat-traffikar ta' droga, ġie elenkat bħala "raġuni impellenti", m'għandux jiġi interpretat bħala esklużjoni inkundizzjonata, għaliex l-Artikolu 6 tar-Regolament Ewropew fl-intier tiegħu jservi biex jagħti diskrezzjoni lill-Istati Membri sabiex jiddeterminaw il-kundizzjonijiet u l-kwalifiki marbuta mal-kriterju ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Qal li għalhekk l-appellanta mhijiex korretta meta ssostni li skont ir-Regolament Ewropew, persuna li nstabet ħatja ta' reati serjissimi marbuta ma' traffikar ta' droga, ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' kondotta u reputazzjoni tajba in perpetwu. Qal li fil-L.S. 65.19 mhux talli m'hemmx stipulat li min ikun instab ħati ta' traffikar ta' droga jkun awtomatikament prekluż milli qatt f'ħajtu jottjeni tali liċenzja, talli din il-possibilità ma tissemma imkien. L-appellat qal li l-Artikolu 6(1)(a)(i) isemmi wkoll kundanni ta' 'reati kummerċjali' bħala raġuni impellenti sabiex wieħed jiddubita mir-reputazzjoni tajba tal-applikant, liema reati kummerċjali, skont l-appellanta, huma kwalifikati bit-trapass ta' ħames snin minn meta nstabet il-ħtija. Qal li huwa evidenti li r-Regolament Ewropew iqiegħed ir-reati elenkati fl-Artikolu 6(1)(a)(i)-(vi) taħt l-istess kappa, u għalhekk ir-reat ta' traffikar ta' droga huwa meqjus tal-istess portata bħar-reati kummerċjali.

23. L-appellat saħaq li l-interpretazzjoni li trid tingħata lill-artikolu 11(1)(a) tal-L.S. 65.19 hija li wieħed għandu jikkwalifika sabiex japplika għal-liċenzja rilevanti wara t-trapass ta' ħames snin minn tali kundanna, u mhux loġiku li din il-kwalifika relatata mat-trapass ta' ħames snin tiġi applikata biss b'riferiment għal reati kummerċjali u li s-sejbien ta' ħtija għal reat ta' traffikar ta' droga għandu jiskwalifika għal dejjem persuna milli jikseb liċenzja ta' *road haulage*. L-appellat qal li huwa inkonċepibbli kif l-appellanta qegħda tinsisti li s-sanzjoni fil-konfront tiegħu għandha tkun waħda perpetwa u għal dejjem, u saħansitra tissuġġerixxi fil-każ odjern x'għandha tkun l-interpretazzjoni korretta tal-liġijiet u regolamenti Maltin u Ewropej. L-appellat qal li l-konklużjoni raġġunta mit-Trbunal tirrifletti l-intendiment kemm tal-leġislatur meta ġiet ppromulgata l-L.S. 65.19, kif ukoll tar-Regolament Ewropew li jsir riferiment għalih, u għalhekk it-tieni aggravju tal-appellanta jimmerita li jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

24. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellat.

*L-ewwel aggravju:* *deċiżjoni* ultra petita *u/jew* extra petita

25. L-appellanta tgħid li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal hija *extra petita* u/jew *ultra petita,* u dan għaliex hija bbażata fuq diversi konsiderazzjonijiet li ma tqajmux mill-appellat fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem it-Tribunal. Qalet

li l-appell tal-appellat kien imsejjes fuq żewġ aggravji, li l-appellanta interpretat ir-Regolament 11(1) tal-L.S. 65.19 b'mod żbaljat, kif ukoll li r-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu jikser id-dritt tiegħu li jkollu impjieg kif sanċit fl-artikolu 7 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-appellanta saħqet li s-sentenza appellata mhijiex ibbażata fuq l-aggravji sollevati mill-appellat, iżda t-Tribunal ibbaża ruħhu fuq interpretazzjoni tal-preamboli u tal-artikoli tar-Regolament 1071/2009 li l-appellat m'għamel l-ebda riferiment għalihom fir-rikors tal-appell tiegħu. Qalet li t-Tribunal ikkonsidra l-element tar-rijabilitazzjoni, meta l-kompitu tat-Tribunal kien biss li jara jekk id-deċiżjoni tal-appellanta kinitx korretta fid-dawl tal-liġi kif inhi miktuba.

26. L-appellat qal li t-Tribunal kellu ta' bilfors japprofondixxi dwar l-interpretazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu. Qal li s-sentenza appellata ma tistax titqies li hija *ultra* jew *extra petita* għaliex id-deċiżjoni tat-Tribunal tolqot proprju t-talbiet kif ippostulati minnu, u li qabel wieħed jiddeċiedi li deċiżjoni ta' qorti jew tribunal teżorbita t-talba, wieħed irid jara x'ikun intalab fir-rikors promutur.

27. Il-Qorti kkonsidrat li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellat fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem it-Tribunal, kien li l-appellanta għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 11(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19, u dan għaliex fil-fehma tiegħu l-interpretazzjoni korretta ta' dak id-dispost tal-liġi hija li persuna ma titqiesx li tissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk tkun instabet ħatja ta' reat kriminali serju, inklużi reati ta' natura kummerċjali, matul l-aħħar ħames snin qabel saret it-talba għal-liċenzja. Min-naħa tagħha l-

appellanta qalet li l-interpretazzjoni korretta ta' dan id-dispost tal-liġi hija li huma biss ir-reati ta' natura kummerċjali li huma milquta bit-terminu ta' ħames snin, u fir-rigward tar-reati l-oħra kollha, persuna għandu jiġi inibit in perpetwu milli jkollu liċenzja bħal dik mitluba mill-appellat. It-Tribunal ikkonsidra li l-unika diskrepanza bejn it-test Malti u t-test Ingliż hija l-virgola li tintuża fit-test Malti, u fi kwalunkwe każ huwa t-test Malti li għandu jipprevali. It-Tribunal ikkonsidra wkoll li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19 hija riflessjoni diretta ta' dak li jgħid ir-Regolament Ewropew 1071/2009, u finalment iddeċieda li mhux kull sejbien ta' ħtija għandu jagħti lok għal telfien ta' reputazzjoni tajba, u fi kwalunkwe każ l-aġġudikazzjoni tat-talba tal-applikant trid issir fuq bażi individwali. Fil-każ odjern it-Tribunal qies li hemm lok fejn jiġi kkonsidrat l-element tar-rijabilitazzjoni tal-applikant, u li mhuwiex il-każ li kull operatur li jkun instab ħati ta' reat kriminali għandu jibqa' inibit għal għomru milli jkollu liċenzja bħal din. It-Tribunal qal li applikant għandu jitqies *ipso iure* rijabilitat wara t-trapass ta' ħames snin minn meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-konfront tiegħu.

28. Il-Qorti hija tal-fehma li fil-każ odjern ma jistax jingħad li t-Tribunal eżorbita t-talba tal-appellat sempliċiment għaliex fil-konsiderazzjonijiet tiegħu qies il-preamboli u l-interpretazzjoni tar-Regolament Ewropew li ngħata effett dirett fil-liġi tagħna u li wassal għad-dħul fis-seħħ tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19. Ċertament li fil-każ odjern ma jistax jingħad li t-Tribunal ibbaża id-deċiżjoni tiegħu fuq konsiderazzjonijiet legali totalment differenti minn dawk proposti mill-appellat fir-rikors tal-appell tiegħu. L-appellat ħassu aggravat bid-deċiżjoni jew aħjar bl-interpretazzjoni li tat l-appellanta tal-liġi rilevanti, li wasslet biex huwa jiġi meqjus bħala persuna li m'għandux reputazzjoni tajba

biżżejjed biex ikun jista' jiġi kkonsidrat bħala detentur denju tal-liċenzja li applika għaliha. Fil-każ odjern lanqas ma jista' jingħad it-Tribunal introduċa elementi ġodda u ddeċieda dwarhom unikament u esklussivament b'sorpriża għall-partijiet fil-kawża.

29. Il-Qorti hawn tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tal-25 ta' April, 2008 fl-ismijiet **Noel Attard *vs.* Peter u Doris konjugi Theuma**, fejn għamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar aggravju simili li tqajjem f'dak l-appell:

> *"Mela, dak li hu importanti hawn mhijiex daqstant il-motivazzjoni tas-sentenza <u>imma dak li attwalment ġie deċiż</u>, jiġifieri d-"decide". Jekk dak li ġie deċiż imur oltre u 'l hinn minn dak mitlub fiċ-ċitazzjoni, allura jkun hemm tassew raġuni li għandha twassal għan-nullità tas-sentenza. Imma jekk dak li ġie deċiż ikun sostanzjalment korrett u fil-parametri tat-talba jew talbiet tal-parti attriċi, allura ma hemmx lok ta' annullament. Jekk, per eżempju, f'kawża ta' danni (bħalma hi dik in eżami) hemm talba waħda biss dwar dikjarazzjoni ta' responsabbilità, l-ewwel Qorti ma tkunx tista' tgħaddi wkoll għal-likwidazzjoni u għal kundanna ta' ħlas ta' danni għax jekk tagħmel hekk tkun tat sentenza li, almenu f'parti minnha, tammonta għal sentenza "extra petita". Jekk, invece, jirriżulta li hemm talba biex jitħallsu danni f'somma li ma taqbiżx ħamest elef euro (€5,000) u, minflok, tillikwida u tikkundanna lid-debitur għal ammont ogħla, allura hemm ukoll ikun ifisser li dik is-sentenza tkun waħda* "ultra petita". *Fil-każ in eżami però, <u>ma hemm xejn f'dak li ġie deċiż li jmur oltre minn dak mitlub</u>. Barra minn hekk, fis-sustanza tagħha (kif ser jirriżulta aktar 'il quddiem fil-korp ta' din is-sentenza) dak li ġie finalment deċiż mill-ewwel Qorti kien ukoll korrett fis-sustanza u entro l-parametri ta' dak li ġie mitlub kemm fl-att taċ-ċitazzjoni, kif ukoll fil-kontro-talba li ġiet effettivament milqugħa."*

30. Il-Qorti tqis li minkejja li t-talbiet tal-appellat kienu tnejn, jiġifieri li d-deċiżjoni tal-appellanta tiġi annullata, kif ukoll li huwa jingħata l-liċenzja li kien applika għaliha, it-Tribunal korrettement għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu

fir-rigward tat-talba għall-annullament tad-deċiżjoni, u wara li għamel l-interpretazzjoni tiegħu tal-liġi applikabbli, irrifjuta li jakkolji t-tieni parti tat-talba tal-appellat, minħabba li l-ħruġ ta' liċenzja bħal dik ma taqax fil-kompetenzi tiegħu.

31. Il-fatt li biex it-Tribunal wasal għal deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu tal-liġi applikabbli, għamel riferiment għall-preambolu tar-Regolament Ewropew, ma jfissirx li t-Tribunal mar lil hinn mill-parametri delineati mill-appellat bir-rikors imressaq minnu. It-Tribunal kien korrett li biex jagħti interpretazzjoni korretta tal-liġi applikabbli, għamel riferiment għar-Regolament Ewropew li ngħata applikazzjoni diretta fil-liġi Maltija, u ra x'kienu l-preamboli u x'ingħad dwar l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament partikolari, u dan ladarba fil-Parlament Malti ma sar l-ebda dibattitu qabel l-introduzzjoni ta' din il-liġi. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk, tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: ir-rekwiżiti ta' kondotta u reputazzjoni tajba*

32. L-appellanta qalet li il-fatt li l-appellat instab ħati tar-reati ta' traffikar ta' droga u ta' pussess ta' arma, u l-fatt li dan intbagħat tmintax-il sena priġunerija, għandhom ikunu fatturi suffiċjenti biex jiġi stabbilit li l-appellat ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' kondotta u ta' reputazzjoni tajba. Qalet li operatur għall-ġarr ta' passiġġieri fit-territorju Malti huwa prekluż milli jikseb liċenzja bħal din f'każ li l-fedina penali tiegħu ma tkunx waħda netta, u għalhekk tkun qegħda tinħoloq anomalija li kieku kellu jiġi aċċettat li persuna li nstabet ħatja ta' reati serjissimi,

kif bla dubju huma r-reati li nstab ħati tagħhom l-appellat, tikkwalifika biex tingħata liċenzja għall-ġarr ta' merkanzija fit-territorju Ewropew.

33. Il-Qorti, filwaqt li tifhem il-linja ta' ħsieb u t-tħassib tal-appellanta minn fejn huwa ġej, fl-istess waqt hija tal-fehma li t-test tal-liġi applikabbli, jiġifieri l-artikolu 11(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.19 m'għandux jiġi interpretat bil-mod ristrett li qiegħed jiġi interpretat mill-appellanta, u dan għaliex it-test tal-liġi nnifsu imkien ma jissuġġerixxi li persuna li tkun instabet ħatja ta' reat serju, liema reat serju jista' jinkludi reati ta' natura kummerċjali, għandu jiġi miżmum milli jkollu liċenzja bħal dik li applika għaliha l-appellat, għal aktar minn ħames snin. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-appellanta għall-fatt li r-reati li nstab ħati li kkommetta l-appellat, seħħew aktar minn għoxrin sena ilu, u huwa ngħata piena karċerarja li skonta, sabiex b'hekk illum huwa meqjus bħala persuna riformata li qiegħed jipprova jibni futur għalih, inkluż billi jkollu xogħol li huwa kapaċi jwettaq, u li huwa kkwalifikat għalih. Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mit-Tribunal qabilha, li persuna ma titqiesx li tissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk hija tkun instabet ħatja ta' reati kriminali serji, li jinkludu reati ta' natura kummerċjali, matul l-aħħar ħames snin qabel l-applikant ikun għamel talba għal-liċenzja. Jekk il-leġislatur ried li persuna li tkun instabet ħatja ta' reat bħal dan għandha tiġi inibita milli jkollha l-liċenzja in kwistjoni għal għomorha, il-leġislatur kien jgħid dan espressament. Din il-Qorti tqis li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-test tal-liġi in kwistjoni ma jgħidx li persuna li tkun instabet ħatja ta' reat kriminali serju għandu jtitqies li mhux persuna ta' reputazzjoni u kondotta tajba biex ikollha liċenzja bħal din in perpetwità. Għaldaqstant tqis li t-tieni aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**